MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI RIMANDANTI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1276/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Stefan Predescu**

Il-Qorti,

Rat ir-rapport debitament guramentat mill-Ufficjal Prosekutur u li bih jinghad illi kif juri l-allert taht ix-'Schengen Information System' mahrug fuq talba tal-Qorti ta' Focsani fit-28 ta' Gunju 2010, wara l-hrug ta' mandat ta' arrest datat l-20 ta' April 2010, l-imsemmi Stefan Predescu maghruf minn issa l-quddiem bhala "l-estradant" hu mfittex mill-Awtoritajiet kompetenti Gudizzjarja tar-Rumanija, pajjiz skedat a fini tal-artikolu 5

tal-Avviz Legali 320 tal-2004 ghar-reati ta’ feriti gravi fuq il-persuna kif ukoll ta’ hsara volontarja.

Rat id-dokument anness mal-atti a fol 8 u li bih l-Avukat Generali, skond l-artikolu 6A u 7 tal-Ordni Dwar Pajjizi Barranin Appuntati Dwar l-Estradizzjoni (Avviz Legali numru 320 tal-2004), ccertifika li l-Qorti ta’ Focsani li fuq it-talba taghha nhareg l-allert imsemmi ghall-estradizzjoni, ghandha l-funzjoni li titlob il-hrug ta’ l-allert gewwa r-Rumanija.
Rat l-istess allert a fol 10 et seq ibid kif ukoll il-mandat ta’ arrest ewropew in ezami (fol 14 u 25 et seq ibid).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jirrizulta mill-atti, din il-Qorti u fil-qasir, digja gie trattat u deciz dak kollu rikjest fl-istadju maghruf bhala l-‘Initial Hearing’ (ara fol 2 u fol 3 tal-istess atti kif ukoll l-artikoli 10 u 11 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004).

Illi sussegwentement, inbeda l-‘Extradition Hearing’ skond l-artikolu 12 et seq ibid. Hawhekk l-estradant kif jidher a fol 24 ibid, ma kkontestax illi r-reati involuti huma ‘extraditable offences’ u ghalhekk il-Qorti ssokktat sabiex tara dak li hemm specifikat fl-artikolu 13 tal-istess Avviz Legali ossija dwar jekk hemmx f’dan il-kaz ‘a bar to extradition’ kif hemm elenkati u sussegwentement definiti.

Ikkunsidrat
Illi kif jidher a fol 35 tal-atti, l-estradant qajjem il-punt a bazi tal-artikolu 13, subinciz (c) ossija il-preskrizzjoni. Pero’ kif jidher ukoll a fol 36, l-istess estradant “…xtaq iqajjem il-punt dwar l-awtenticita tad-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni certament b’referenza ghall-allert u mandat ta’ arrest ewropew in ezami. Ghalhekk l-istess Qorti ser tara dan il-punt u tiddeciedih qabel il-kwistjoni dwar preskrizzjoni.

Illi ma hemmx il-htiega li jinghad illi, dwar l-awtenticita o meno tal-imsemmija dokumenti, caso mai, seta u kellu jitqajjem fl-ewwel fazi ta' dawn il-proceduri u mhux f'dan l-istadju peress li, per se, hu ta' natura preliminari. Izda jrid jinghad illi ma ngieb xejn a konjizzjoni ta' din il-Qorti dwar l-awtenticita tad-dokumenti msemmija li l-istess dokumenti ma humiex konformi ma' dak li jinghad fl-Aviz Legali msemmi. Ghalhekk ghandhom jigu ritenuti bhala prova tal-kontentut taghhom ghal kull effett u fini fil-ligi.

Illi dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni mill-allert u mandat ta' arrest ewropew in ezami, jirrizulta illi dan l-kaz trattasi ta' 'part **II** warrant' mahrug vis-à-vis l-estradant u jirreferi ghal <u>sentenza finali</u> moghtija fil-konfront tal-istess estradant fis-16 ta' April 2010 u dan b'mod definittiv. Bhala konsegwenza tal-istess sentenza, wara li nstab hati tad-delitti specifikati, l-estradant kien gie kondannat ghall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija. Jigi rilevat illi din is-sentenza nghatat "in absentia". Dwar dan, a fol 26 ibid, jirrizulta li l-estradant kien <u>presenti meta s-sentenza fil-"prima istanza" giet moghtija</u> u kien assistit minn Avukat. Fl-istadju tal-Appell interpost kemm mill-Prosekuzzjoni kemm mill-estradant, f'dan l-istadju l-estradant ma kienx presenti avolja notifikat skont il-ligi Rumena izda assistit minn Avukat. Ghalhekk jidher car illi l-estradant kien assistit waqt l-istadju tal-Appell minn Avukat. Illli dwar il-punt sollevat ta' preskrizzjoni l-artiklu 16 tal-istess Avviz Legali jghid illi l-estradizzjoni ta' persuna hi projbita f'kaz "….prosecution for the offence in respect of invalid extradition is requested is burred by prescription according to the law of Malta and the acts constituting the offences for which extradition requested fall within the jurisdiction of the Maltese Criminal Courts. Dwar il-kaz in desamina din il-Qorti tirrileva illi:-

a) dak li kkommetta l-estradant fir-Rumanija u li tieghu nstab hati kien ta' gurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati Kriminali Rumeni u bl-ebda mod ma kienu jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati Maltin.

b) Dwar l-element iehor, kif digja nghad din l-estradizzjoni tirreferi ghal sentenza finali li biha l-estradant

gie kundannat ghal perjodu ta’ prigunerija. Skond il-ligi Maltija l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali hu car fuq dan il-punt u jghid illi d-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqghux bil-preskrizzjoni f’ebda zmien.

Ikkunsidrat
Illi dwar il-kwistjoni ta’ decizjoni “in absentia” li tissemma fl-artikoli 23(1)(2) (3)(4) u (5) tal-istess Avviz Legali, dwar din il-kwistjoni delikata din il-Qorti taghmel referenza ghall-fatti kif hawn fuq esposti minn fejn jidher li l-estradant kien assenti waqt is-smigh tal-appell izda kien rapprezentat minn Avukat u kien notifikat bid-data relattiva ghas-smigh. Dwar dan il-Qorti hi tal-fehma u konvinzjoni morali illi l-estradant assenta ruhu deliberatament fl-istadju tal-appell u ghalhekk ma tarax li ghandu jkun intitolat ghal xi forma ta’ ritrattazzjoni jew appell.

Ikkunsidrat
Illi ghalhekk f’dan il-kaz din il-Qorti ghandha tiddeciedi ghall-estradizzjoni tal-estradant dejjem soggetta ghar-‘rule of speciality’.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tordna li l-estradant ghandu jinzamm taht kustodja sabiex jistenna t-treggija lura lejn il-pajjiz skedat involut li ordna l-hrug tal-mandat ta’ arrest ewropew in ezami. Inoltre din it-treggija ghandha ssir wara li jiskadu sebat (7) ijiem mid-data ta’ meta nghatat din l-Ordni.

Fl-ahharnett, il-Qorti qed tinforma lill-estradant illi jista’ jinterponi appell minn din l-Ordni u f’kaz li hu jhoss illi xi dritt spettanti lilu inkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser hu ghandu l-jedd sabiex jitlob rimedju taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll taht il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------